

32003R1075

24.6.2003

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 155/9

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1075/2003****tat-23 ta' Ġunju 2003****li jiffissa l-ko-effiċjenti ta' kalkolu li għandhom jintużaw biex jiġi kkalkolat il-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2003/2004**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru. 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal <sup>(1)</sup>, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru. 1365/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Il-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal, kif imniżżla fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru. 2759/75, għandu jiġi stabbiliti billi jiġi kkalkolati l-prezzijiet reġistrati f'kull Stat Membru b'ko-effiċjenti li jirriflettu d-daqs relattiv tal-merħla tal-majjali f'kull Stat Membru.
- (2) Dawn il-ko-effiċjenti għandhom jiġu ddeterminati fuq n-numru ta' majjali mgħodda fil-bidu ta' Diċembru ta' kull sena skond id-Direttiva tal-Kunsill 93/23/KEE ta' l-1 ta' Ġunju 1993 dwar stħarriġ ta' statistiċi li għandu jitwettaq fuq il-produzzjoni tal-majjali <sup>(3)</sup>, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 97/77/EC <sup>(4)</sup>.

(3) Fuq il-bażi tar-riżultati taċ-ċensiment ta' Diċembru 2002, il-ko-effiċjenti ta' kalkolu għodda għandhom jiġu stabbiliti għas-sena tas-suq 2003/04 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 903/2002 għandu jiġi mħassar <sup>(5)</sup>.

(4) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-ko-effiċjenti ta' kalkolu mniżżla fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru. 2759/75 għandhom ikunu kif speċifikati fl-Annes mar-Regolament preżenti.

*Artikolu 2*

Ir-Regolament (KE) Nru. 903/2002 huwa hawnhekk imħassar.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu jgħodd mill-1 ta' Lulju 2003.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Ġunju 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 282, ta' l-1.11.75, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, tad-29.6.00, p. 5.

<sup>(3)</sup> ĠU L 149, tal-21.6.93, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 10, tas-16.1.98, p. 28.

<sup>(5)</sup> ĠU L 142, tal-31.5.2, p. 23.

## L-ANNEX

**Ko-effiċjenti ta' kalkolu li għandhom jintużaw biex jiġi kkalkolat il-prezz tas-suq tal-Komunità għall-karkassi tal-majjal għas-sena tas-suq 2003/2004**

L-Artikolu 4(2) tar-Regolamenti (KEE) Nru. 2759/75

Il-Belġju	5,4
Id-Danimarka	10,6
Il-Ġermanja	21,6
Il-Greċja	0,7
Spanja	19,1
Franza	12,5
L-Irlanda	1,5
L-Italja	7,5
Il-Lussemburgu	0,1
L-Olanda	9,2
Awstrija	2,7
Il-Portugall	1,9
Il-Finlandja	1,2
L-Isvezja	1,6
Ir-Renju Unit	4,4